MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 84/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Gioacchino Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gioacchino Galea**, ta' sitta u sebghin (76) sena, iben Emmanuele u Francesca neé Farrugia, imwieled Sannat, Ghawdex, nhar l-4 ta' Frar 1936, residenti fil-fond "Gnien is-Sultan", Triq Ta' Sannat, Sannat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 14936(G), akkuzat talli fit-12 ta' Lulju 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa s-Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Philip Vella (I.D. Nru. 3686(G)) weġġghu u nġurjah b'kitba, b'figuri u/jew b'disinji mxandrin jew li ġew esposti fil-pubbliku;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'xi mezz permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu origina l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir ghamel malafama lill-persuna ta' Philip Vella (I.D. Nru. 3686(G));

3. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuna ta' Philip Vella (I.D. Nru. 3686(G)) li hija persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. ma halliex jew fixkel lil Philip Vella (I.D. Nru. 3686(G)) li hija persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew, b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru u dan bhala Sindku tal-Lokalita' tas-Sannat, Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat in-Nota tal-Editur tal-Gurnal *L-Orizzont*, liema Nota giet pprezentata fil-21 ta' Jannar 2013, flimkien ma' liema Nota gie ezebiet kopja tal-artiklu bl-isem: *"Minkejja li Triq Sannat ilha mweghda mill-2007…Sal-lum ghadha fi stat dizastruz"* (*a fol.* 60 *et seq.*).[1]

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-konsulent legali tal-*parte civile* u tal-imputat (*a fol.* 128 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2015 (*a fol.* 127), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 13) fejn ezebixxa kwerela

[1] Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 62), gie verbalizzat hekk: *"Id-difiza b'riferenza ghal dokument a fol. 61 tal-process ma tinsistix illi jigi jixhed l-Editur tal-Gazzetta 'L-Orizzont' u dana stante li tirrikonoxxi illi dan id-dokument huwa folja mill-Gazzetta 'L-Orizzont' tal-10 ta' Lulju 2012"*.

datata 14 ta' Lulju 2012 mibghuta f'isem is-Sindku Philip Vella li giet immarkata bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 14 *et seq.*). Flimkien mal-kwerela giet annessa kopja tal-ittra (*a fol.* 15 *et seq.*)[2] fejn gie allegat li s-Sindku Philip Vella gie malafamat u ingurjat. Ezebixxa wkoll stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 19 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjega fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tal-kwerela in kwistjoni. Ikkonferma li din il-kwerela, li flimkien maghha kien hemm ittra annessa, hija Dok. "FT 1" (*a fol.* 14 *et seq.*). Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa l-istqarrja Dok. "FT 2" (*a fol.* 19 *et seq.*). Jghid li waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat, l-imputat gie muri l-ittra annessa mal-kwerela u hu (l-imputat) ikkonferma li kien baghat din l-ittra.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hu personalment kellem lill-imputat u mhux lil Philip Vella.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Philip Vella** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li ilu jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Sannat mis-sena 2009. Ikkonferma li nbaghtet kwerela lill-Pulizija fejn talab biex jittiehdu passi kontra l-imputat minhabba ittra li tinsab annessa ma' Dok. "FT 1" (*a fol.* 14 *et seq.*) mibghuta lil Arthur Bajada (Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi). Jghid li din l-ittra giet mghoddija lilu minn Bajada u li fiha ntqalu diversi affarijiet fejn hu (Vella) gie redikolat u gie stmat baxx quddiem il-Kunsill stess. Waqt id-depozizzjoni moghtija minnu, Vella jindika liema huma l-partijiet tal-ittra li bihom huwa hassu offiz. Jibda bis-segwenti (a) *"igib l-istatistika*

[2] Din l-ittra hija identika ghall-ittra li giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 53 *et seq.*).

*ufficjali biex isostni dan il-gideb faccat"*; (b) *"f'dan il-kaz jien niehu passi li kontra tieghu u dak li qal huwa gurament falz. Jien ingib il-provi"*. Jghid li (a) u (b) jaghmlu riferenza ghal artiklu li kien gab hu (Vella) fuq il-gurnal *L-Orizzont*, liema artiklu gie mmarkat bhala Dok. "PV 1" (*a fol.* 31)[3]. Jghid li mentri fl-artiklu hemm miktub hekk: *"Ghaldaqstant, is-Sindku ta' Sannat informa pubblikament lill-awtoritajiet ikkoncernati, u li huma responsabbli minn dan il-progett, li qeghdin jinzammu responsabbli tal-accidenti fatali li jista' jkun hemm fid-dahla tant perikoluza tal-lokal ta' Sannat, kif ukoll ta' dawk il-persuni li jistghu jgarrbu hsarat kbar u zghar fil-vetturi taghhom"* (*a fol.* 31), fl-ittra tal-imputat, l-imputat kiteb: *"fejn allega li "li saru jew qeghdin isiru jew xi darba saru xi accidenti fatali FID-DAHLA TA TA' Sannat""* (*a fol.* 15).

Jaghmel riferenza wkoll ghall-kliem *"atti vili u ta' mebgheda [mibgheda] hadra"* u *"sar sindku by default"* (*a fol.* 16). Jghid li hassu redikolat minhabba l-kariga li ghandu. Jghid ukoll li fl-ittra ssir riferenza ghal *"xi id mohbija"* [*"id perikoluza u egoista mohbija"* - *a fol.* 16). Jghid li ma jafx min hi din il-persuna u li ma jafx li hu mghejjun minn din l-id mohbija. Ezebixxa ittra mmarkata bhala Dok. "PV 2" (*a fol.* 32) li hija ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-imputat fejn l-imputat ikkontradixxa dak li qal fl-ittra (*a fol.* 15).

Jaghmel riferenza wkoll ghall-kliem *"Lil Ministru, li ilha stabilita' fil-popolarita' taghha f'Ghawdex snin twal Philip Vella zgur mu [mhu] sejjer jaffetwaha xejn ghax mu [mhu] xejn hlief nemlu ghal-hdejja [ghall-hdejha]"* (*a fol.* 17) u kif ukoll ghall-kliem: *"Jekk jonqos milli jaghmel din id-dikjarazzjoni guramentata jien nitlob lil Kunsill sabiex iressaq mozzjoni ta' sfiducja fis-Sindku Philip Vella u jinhatar sindku gdid li zgur ikun ferm abbli minn Philip Vella"* (*a fol.* 17). Jghid li anke b'dawn il-kliem hassu redikolat quddiem il-Kunsill.

[3] Dan id-dokument huwa identika ghal folja mill-gurnal *L-Orizzont* li tinsab *a fol.* 61.

Jixhed li apparti l-ittra lill-Pulizija, intbaghtet ittra lill-imputat fejn gie mitlub jirtira dak li qal, kopja ta' liema ittra giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "PV 3" (*a fol.* 33).

Fir-rigward tal-kliem: *"Ghandi ngharraf lil Kunsill li Philip Vella bhala sindku kien kiteb lil MEPA minn wara dar il-Kunsill li huwa personalment"* (*a fol.* 15), jghid li huwa kien spjega ruhu mal-Kunsill fejn kien qalilhom li kien baghat ittra lil MEPA rigward il-*junction* ta' Sannat. Jghid li huwa kien inghata informazzjoni mill-imputat rigward il-*junction* ta' Sannat u li l-informazzjoni li kien tah kienet hazina u b'hekk huwa rtira l-ittra mibghuta lil MEPA immedjatament. Jghid li spjega ruhu mal-Kunsill fid-29 ta' Marzu 2010. Ezebixxa l-minuti li nzammu, liema minuti gew immarkati bhala Dok. "PV 4" (*a fol.* 34 *et seq.*). Ghamel riferenza specifika ghall-parti mmarkata bil-kulur isfar (*a fol.* 36). Ezebixxa wkoll ittra datata 9 ta' Marzu 2010 (Dok. "PV 5" – *a fol.* 40) li giet ipprezentata quddiem il-Kunsill u li giet irtirata. Ezebixxa wkoll ittra datata 16 ta' Lulju 2012 mibghuta mill-imputat lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat, liema ittra giet immarkata bhala Dok. "PV 6" (*a fol.* 41) fejn hemm miktub hekk: *"You may wish to circulate the attached copy of a letter sent to MEPA and Mayor Philip Vella without the knowledge of your Council"* (*a fol.* 41).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 84 *et seq.*), jghid li l-ittra datata 9 ta' Marzu 2010 (Dok. "PV 5" – *a fol.* 40) ma gietx diskussa jew approvata fil-Kunsill. Ikkonferma li kien biddel il-pozizzjoni tieghu peress li ghal bidu kellu informazzjoni zbaljata. Jghid li anke l-imputat kien tah informazzjoni zbaljata u b'hekk hu rtira l-ittra. Mistoqsi jghid x'kienet l-informazzjoni zbaljata jghid li kien ra pjanti hziena u li, fir-rigward tal-*cross roads*, kien gie nfurmat li kienu gejjin aghar mentri fil-verita' ma kienx hekk. Jghid li l-pjanti hziena ma ccekkjahomx min-naha tal-MEPA u li kien rahom ghand persuna li ma jiftakarx min hi. Jghid li l-

imputat tah informazzjoni hazina ghax qallu li fil-*cross road* ta' Sannat ma kienx hemm periklu mentri din il-*cross road* m'hi *safe* xejn. Jghid li spicca favur il-progett peress li kien *safe* u l-ahjar ghar-residenti kollha ta' Sannat. Jichad li kien irtira l-ittra peress li l-ewwel ittra lil MEPA ntbaghtet minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Jghid li l-kunsilliera ma gibdulux l-attenzjoni li kien baghat l-ittra minghajr il-permess taghhom. Jghid li pprezentaha hu fuq il-mejda tal-Kunsill u minn naha tal-kunsilliera ma oggezzjonawx jew ghamlu tip ta reazzjoni ghall-ittra. Fir-rigward tal-ittra mibghuta mill-imputat jghid li din tqieghdet fuq il-mejda tal-Kunsill. Meta gie suggeriet lilu li meta xehed is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ittra ma tqieghditx fuq il-mejda tal-Kunsill, wiegeb: *"Pero' semmieha fil-laqgha tal-Kunsill u anke tkellimna dwarha"* (*a fol.* 87). Jghid li kull dokument li jasal il-Kunsill ikun pubbliku u b'hekk kulhadd ghandu access li jmur u jistaqsi fuq il-progett u kulhadd jista' jara l-ittra. Mistoqsi jghid jekk dan japplikax ukoll f'kaz li ittra tkun kunfidenzjali, jghid li ma jahsibx li f'dan il-kaz kienet ittra kunfidenzjali. Jghid li l-ittra tal-imputat ma gietx diskussa fil-Kunsill pero qal li bhala Sindku kien qed jigi redikolat fuq il-mejda tal-Kunsill u mmalafamat ghal affarijiet li hu ma kienx qal. Jaqbel li mentri l-eks Ministru Giovanna Debono tikkontesta l-elezzjoni fuq bazi nazzjonali, hu jikkontesta fuq bazi ta' Gvern Lokali.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PS 342 Johan Said** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn ipprezenta u kkonferma l-okkorrenza li giet redatta minnu, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 44 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Arthur Bajada** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat u li kien ilu f'din il-kariga ghal dsatax (19) il-sena. Ezebixxa ittra datata 12 ta' Lulju

2012 li kien gie moghti mill-imputat, liema ittra giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 53 *et seq.*)[4]. Jghid li din l-ittra ma tqeghditx fuq il-mejda tal-Kunsill pero giet imqassma lis-Sindku u lill-kunsilliera l-ohra. Ikkonferma li Dok. "PV 4" (*a fol.* 34 *et seq.*) huma l-minuti u kkonferma wkoll dak li hemm indikat f'pagna tlieta tal-minuti (*a fol.* 36) fejn issir riferenza ghal "Acknowledgement mill-MEPA".

**Arthur Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn ezebixxa z-zewg ittri li s-Sindku Philip Vella kien baghat lil MEPA liema ittri gew immarkati bhala Dok. "AB 2" u "AB 3" (*a fol.* 76 *et seq.*). Jghid li dawn kienu ntbaghtu ma' xulxin u kienu gew mghoddija lill-Kunsill ma' xulxin.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-ittra datata 9 ta' Marzu 2010 (Dok. "AB 3" – *a fol.* 77) hija miktuba fuq il-*letterheard* tal-Kunsill. Jghid li qabel intbaghtet din l-ittra, l-ittra ma gietx diskussa fil-Kunsill. Jghid li normalment meta tkun ser issir oggezzjoni ta' applikazzjoni ghal MEPA, dawn jigu diskussi fil-Kunsill qabel jintbaghtu xi ittri. Jghid li l-Kunsill sar jaf bl-ittra tad-9 ta' Marzu 2010 waqt il-laqgha tad-29 ta' Marzu 2010. Jghid li kien is-Sindku li kien hadlu kopja tal-ittra datata 9 ta' Marzu 2010. Mistoqsi jghid jekk s-Sindku hadlux kopja ta' din l-ittra waqt il-laqgha, wiegeb li ma jiftakarx. Ikkonferma li skond minuta 601 (*a fol.* 36) l-ittra lil MEPA kienet giet irtirata ghax kien hemm informazzjoni hazina. Mistoqsi jghid x'kienet din l-informazzjoni hazina u jekk issemietx waqt il-laqgha tad-29 ta' Marzu 2010, jghid li ma jiftakarx. Fir-rigward tal-ittra li hadlu l-imputat jghid li din kien hadilu l-imputat fl-ufficcju u li kienet go *envelope* u li l-imputat qallu li kienet kunfidenzjali u urgenti ghall-kunsilliera. Jghid li l-imputat

[4] Din l-ittra hija identika ghall-ittra li tinsab *a fol.* 15 *et seq.*.

qallu biex jaghti din l-ittra lill-kunsilliera. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qallux biex ipoggi din l-ittra fuq il-mejda tal-Kunsill, wiegeb: *"Le, qalli biex ittiha lill-kunsilliera kunfidenzjalment […]. U jiena qbadt, kif telaq, qbadt ghamilt il-photocopy taghha, qabbadt l-iskrivani, u qassmuha lill-kunsilliera"* (*a fol.* 71). Jghid li hu (Bajada) semmieha fil-laqgha tal-Kunsill. Ghad-domanda: *"ladarba ma tkunx tqieghdet fuq mejda tal-Kunsill, ara nghidx sew li din ma tkunx […] pubblika bhala ittra?"*, wiegeb: *"Kienet kunfidenzjali"* (*a fol.* 71). Mistoqsi jghid jekk il-Kunsill tax l-awtorizzazzjoni tieghu biex l-ittra tohrog barra mill-bini tal-Kunsill, wiegeb: *"Sa fejn naf jien hadd il-Kunsill bhala Kunsill m'ghaddiex li johorgu ittri, semplicement dawn tkellmu fuqha"* (*a fol.* 71). Jghid li ma jidhirlux li kien hemm decizjoni tal-Kunsill li l-ittra in kwistjoni tohrog barra mill-bini tal-Kunsill. Jghid li sa fejn jaf hu l-kontenut tal-ittra ma giex diskuss fil-Kunsill. Jghid li ma jidhirlux li tkellmu fuqha. Jixhed li l-Kunsill ma dahalx fil-kwistjoni jekk ghandhomx jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat. Jghid li biex stqarrija tohrog f'isem il-Kunsill, dik tkun trid tigi diskussa fil-Kunsill.

In ri-ezami, jghid li l-ittra tal-imputat giet diskussa fit-22 ta' Awwissu fejn il-minuta tghid hekk: *"Ittri minghand Jack Galea rigward id-dahla ta' Sannat"*. Jghid li ma' dik il-minuta hu ma harigx kopja tal-ittra fuq il-mejda tal-Kunsill. Jghid li l-ittra zammha fl-ufficju u li ittra tigi pubblika meta titqieghed fuq il-mejda tal-Kunsill.

**Arthur Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' April 2014 (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn in kontro-ezami jghid li hu ma ghadux parti mill-Kunsill u li l-original tal-ittra in kwistjoni tinsab il-Kunsill. Jghid li kien ghamel kopja tal-*envelope* originali li fiha kien hemm l-ittra tat-12 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 15 *et seq.*) u ezebixxa dan id-dokument bhala Dok. "AB 4" (*a fol.* 117). Ikkonferma li l-laqgha fejn giet diskussa t-*traffic management plan* kienet saret qabel

id-9 ta' Marzu 2010. Jghid li l-Kunsill kien qabel ma' dan il-*plan*. Jaqbel li l-ittra li ntbaghtet minn Vella, fejn oggezzjona, intbaghtet wara. Ikkonferma li Teddy Bajada kien qajjem oggezzjoni ghall-fatt li kienet ntbaghtet ittra minn wara dahar il-Kunsill.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2014, xehed l-imputat **Gioacchino Galea** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn beda billi qal li fir-rigward tal-ittra datata 9 ta' Marzu 2010 (Dok. "PV 5" – *a fol.* 40), il-parti leza Vella kien mar id-dar tieghu u ha *letterheads* mill-Kunsill u kiteb l-ittra in kwistjoni lil MEPA. Jghid li din kitibha Vella u baghatha lil MEPA minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u minghajr ma kkonsulta ma' hadd. Jghid li wara li ra l-artiklu li deher f'*L-Orizzont* (*a fol.* 61), baqa' mistaghgeb kif Vella kkontradixxa dak li kien kiteb u li fiha kien kiteb il-verita' kollha rigward l-istat tat-triq fejn qal li kien infurmat hazin. Jghid li wara ra li l-artiklu f'*L-Orizzont*, kiteb ittra lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat, Arthur Bajada, biex igiblu konnoxxenza illi Vella kien kiteb ittra kontra dak li kiteb f'*L-Orrizont*. Jghid li din l-ittra taha lil Bajada b'mod kunfidenzjali u tahielu *by hand* u qallu li jista' juriha lill-membri tal-Kunsill. Meta saritlu riferenza ghall-ittra tieghu, fir-rigward tal-kliem *"igib l-istatistika ufficjali biex isostni dan il-gideb sfaccat"* (*a fol.* 15), jghid li ried ifisser li Vella kien kiteb kontra li kiteb hu stess ghax setgha jgib statistika minn ghand il-Pulizija u jara jekk garax kaz fatali fil-*cross road* ta' Sannat jew inkella setgha jgib is-sekwenza tal-incidenti tat-traffiku. Rigward il-kliem: *"Ghandi ngharraf lill-Kunsill li Philip Vella bhala Sindku kien kiteb lill-MEPA minn wara dahar il-Kunsill huwa personalment"* (*a fol.* 15) li Vella jqis malafamanti, jghid li kien ser itella' bhala xhieda lil membri tal-Kunsill Lokali kollu u lis-Segretarju Ezekuttiv ta' dak iz-zmien rigward jekk hemmx xi insulenzi f'dan il-kliem. Fir-rigward tal-kliem: *"Il-Ministru s-Sinjura Giovanna Debono zgur li hija ministru responsabbli u mhix se taqa' ghal atti vili u ta' mibeghda hadra"* (*a fol.* 16), jghid li r-riferenza ghal mibeghda hadra attribwieha lil xi hadd li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' Vella u li Vella f'din il-kwistjoni

ma jidholx ghax ma kinitx indirizzata lejh. Fir-rigward tal-frazi *"sindku by default"* (*a fol.* 16) li Vella jqies malafamanti, wiegeb li Vella tela' by *default* ghax Sindku partikolari rrizenja u telaq u ghamel il-wisgha lil Vella u ma kienx hemm ghazla. Fir-rigward tal-kelma *"nemlu"* (*a fol.* 17) jghid li din ma ghamilhiex bhala personali lil Vella. Jghid li mentri l-eks Ministru Giovanna Debono tista' tigi kkunsidrata bhala ggant politiku f'Ghawdex, ix-xebh ta' Vella maghha kien biss wiehed politiku. Jghid li mentri Vella jgib madwar mitejn vot, Debono ggib hamest'elef vot. Fir-rigward tal-fatt li l-ittra moghtija b'mod kunfidenzjali harget mill-bini tal-Kunsill, jghid li huwa baghat ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex jghaddieha lill-Pulizija peress li dokument indirizzat u moghti lis-Segretarju Ezekuttiv spicca barra mill-konfini tal-ufficcju tal-Kunsill. Jghid li talab lill-Pulizija biex jiehdu passi kriminali kontra Vella peress li ittra kunfidenzjali u mhux indirizzata lilu, harget barra mill-bini tal-Kunsill. Ipprezenta kopja ta' din l-ittra li giet immarkata bhala Dok. "GG 1" (*a fol.* 104 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid ghala uza l-kelma *"sfaccat"* (*a fol.* 15) fl-ittra, wiegeb li fl-ittra huwa qatt ma qal li Vella hu giddieb. Jispjega li min jghid li hemmhekk graw kazijiet fatali u ripetuti fil-*cross road* ta' Sannat, hu min hu, ikun giddieb. Jichad li ndirizza lis-Sindku bhala *"nemlu"*. Jghid li Vella kien kiteb f'*L-Orizzont* kontra l-eks Ministru Giovanna Debono u hu (Galea) uza l-kelma *"nemlu"* politikament meta Vella gie paragunat mal-eks Ministru Debono f'Ghawdex. Jghid li fl-artiklu, Vella kien kiteb li l-eks Minstru Debono kienet qed tinjora l-karba tar-residenti Sannatin. Jghid li t-triq ta' Sannat ghadha ma saritx. Jghid li Debono kienet ilha Minsitru t'Ghawdex ghaxar snin. Jixhed li Vella akkuza lil Debono li kienet qed tinjora lill-poplu ta' Sannat politikament minhabba li ta' Sannat huwa rahal Laburist. Jghid li Vella qed jghajjar lil Debono mhux minhabba affarijiet teknici pero minhabba politika. Jikkonferma li l-Kunsill ta' Sannat dejjem kellu maggoranza laburista. Ikkonferma li ghadda l-ittra *by hand* b'mod

kunfidenzjali (u hekk hemm miktub fuq l-*envelope*) lis-Segretarju Ezekuttiv Bajada. Jikkonferma li skond l-ittra tieghu in kwistjoni kiteb: *"Nitlob illi din l-ittra tghaddiha lil Philip Vella biex jaraha u jirrispondiha wara li tigi mibghuta lill-membri kollha tal-Kunsill"* (*a fol.* 15). Jghid li lis-Segretarju tah l-istruzzjonijiet x'jaghmel bl-ittra. Ikkonferma li tah struzzjoni biex din l-ittra tigi diskussa fil-Kunsill. Jghid li l-ittra m'hijiex pubblika ghax hija kunfidenzjali u hemm miktub hekk.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' April 2014, xehed **Teddy Bajada** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn spjega li mis-sena 2009 sas-sena 2013 kien kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Sannat. Meta gie muri ittra datata 9 ta' Marzu 2010 (Dok. "PV 5" – *a fol.* 40) jghid li qabel giet mibghuta din l-ittra, din l-ittra ma gietx diskussa quddiem il-Kunsill. Jghid li l-ewwel darba li bhala Kunsill saru jafu b'din l-ittra kien meta l-MEPA baghtet *acknowledgement* li kienet giet ricevuta l-ittra mibghuta mis-Sindku Vella dwar l-oggezzjoni dwar it-*traffic management* gdid fit-triq ta' Sannat. Jghid li d-decizjoni dwar it-*traffic management* gdid kienet ittiehdet qabel intbaghtet l-ittra. Jghid li wara xi zmien rcevew ittra ohra li Vella kien irtira l-oggezzjoni tieghu. Mistoqsi jghid xi procedura tintuza meta l-Kunsill ikun irid jaghti l-kummenti lil *media*, jghid li jekk ikunu kummenti tal-Kunsill in generali l-ewwel jigi diskuss waqt il-Kunsill. Mistoqsi jghid jekk iddiskutewx fil-Kunsill qabel nhargu l-kummenti f'*L-Orizzont* (*a fol.* 61), jghid li fil-bidu l-progett kien gie diskuss u ddecidew li jaqblu mat-*traffic management* gdid li kien hemm propost. Jghid li l-ewwel ntbaghtet ittra li kienu qed jaqblu, imbaghad kien hemm l-ittra tas-Sindku Vella li ghamel oggezzjoni u wara rtira l-oggezzjoni tieghu u mbaghad ma gie diskuss xejn. Jghid li Vella kien qal li kien inghata informazzjoni hazina u kienet dik ir-raguni ghala huwa kien baghat l-ittra (Dok. "PV 5" – *a fol.* 40). Jghid li ma jafx x'kienet din l-informazzjoni hazina. Jghid li l-ittra li tinsab *a fol.* 15 *et seq.* qatt ma giet diskussa fil-Kunsill. Jixhed li ma jiftakarx li kien hemm xi diskussjonijiet rigward xi proceduri kellhom

jittiehdu fuq din l-ittra. Mistoqsi jghid meta ra din l-ittra l-ewwel darba, jghid li, jekk jiftakar sew, giet moghtija lill-kunsilliera *by hand* qabel xi laqgha. Jghid li d-dokumenti li jkunu mqieghda fuq il-mejda tal-Kunsill ikunu pubblici. Fir-rigward tal-ittri li ma jkunux mqieghda fuq il-mejda tal-Kunsill, jghid: *"Jekk ma jkunux fuq il-Kunsill ma jistghux, skond jekk gibha waqt il-laqgha tigi pubblika. Jekk ma jkunx waqt laqgha ma tkunx pubblika, Hekk ghandi nifhem"* (*a fol.* 111). Ikkonferma li l-ittra (*a fol.* 15 *et seq.*) qatt ma giet diskussa waqt il-laqgha.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, meta gie mistoqsi fir-rigward tal-kwerela li ntbaghtet ghan-nom ta' Vella, jghid li hu ma hedded lil hadd. Jghid li jsib oggezzjoni kif ittra kunfidenzjali mibghuta lis-Segretarju Ezekuttiv inharget mill-istess ufficju. Ikkonferma li huwa baghat l-ittra datata 12 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 15 *et seq.*). Jghid li din kienet ittra kunfidenzjali u li kienet ghal uzu strett tas-Segretarju tal-Kunsill u li ta lilu *by hand*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet fir-rigward tal-ittra li huwa baghat lil Arthur Bajada, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Sannat, liema ittra tinsab *a fol.* 15 *et seq.*). Il-kwerelant huwa s-Sindku tal-Kunsill Lokali msemmi li pprezenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu l-passi necessarji fil-konfront tal-imputat *stante* li hassu malafamat u

ingurjat. Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi Artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

> (1) "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.
>
> [...]
>
> (3) Jekk l-inġurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena".

Illi Artikolu 256(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, moghtija fl-10 ta' Lulju 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l-appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l-Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil-mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".

Illi, kif diga nghad, il-kawza odjerna tirrigwarda ittra mibghuta lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Sannat.

Illi, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**, moghtija fit-22 ta' Settembru 2010, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et** deciza fl-20 ta' Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-*Press Act*. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:

"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'tipi tipografici" (*'printed in typographical characters'*, fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku (*'composing type and printing from it'*, Collins English Dictionary, *'v. typography'*), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, *phototypesetting*, l-uzu ta' *typewriter*, l-uzu ta' *printer* tal-kompjuter, diversi forom ta' *offset printing*) hu rrelevanti.

Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (*a fol.* 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248. Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Joseph M. Ciappara vs. Joseph Zammit** u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-*typewriter*, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet **Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs. Publio Schembri**);

> Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi Artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser: *'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra'*.
>
> L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tieghu hi wkoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru".

Illi dak li gie kwotat hawn fuq jista' jigi applikat *mutatis mutandis* ghal kawza odjerna. B'hekk l-ittra *a fol.* 15 *et seq.,* tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kapitolu 248. B'hekk kull akkuza li talvolta setghet tigi dedotta kontra l-imputat kellha f'dan il-kaz tkun akkampata taht "The Press Act", Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. M'hemmx dubju ghalhekk li l-ewwel (1) imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat, cioé taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 ma tistax tirnexxi. Il-Qorti tista' tieqaf hawn u m'hemmx raguni ghala ghandha tikkunsidra l-*animus injuriandi* fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni.

Tenut kont ta' dan, ma tistax tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 3 u 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 2 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti s-segwenti tifsira ghall-kelma "pubblikazzjoni": *"kull att li bih kull stampat jiġi jew jista' jiġi ikkommunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra"*. L-istess Artikolu jfisser il-kelma "stampat" bhala: *"kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti"*.

Illi fix-xhieda tieghu, l-kwerelant Vella jelenka liema huma l-partijiet tal-ittra *a fol.* 15 *et seq.* li ntbaghtet mill-imputat li hassu malafamat (u ngurjat) bihom. Qabel il-Qorti taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward dawn il-partijiet, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Arthur Bajada (li okkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat) xehed li l-ittra in kwistjoni ma tqeghditx fuq il-mejda tal-Kunsill pero giet imqassma lis-Sindku u lill-kunsilliera l-ohra. Jirrizulta li din l-ittra giet moghtija lilu mill-imputat b'mod kunfidenzjali u li l-imputat ma qallux biex ipoggieha fuq il-mejda tal-Kunsill. Dan jirrizulta mill-kliem miktub fuq l-*envelope* originali li fiha kien hemm l-ittra (*Vide* Dok. "AB 4" – *a fol.* 117). Bajada xehed kif l-imputat qallu kif l-ittra ghandha tinghata lill-kunsilliera. Bajada spjega li sa fejn hu ma jidhirlux li kien hemm decizjoni tal-Kunsill li l-ittra in kwistjoni tohrog barra mill-bini tal-Kunsill.

- Teddy Bajada (li kien kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Sannat mis-sena 2009 sas-sena 2013) jixhed li l-ittra *a fol.* 15 *et seq.* qatt ma giet diskussa fil-Kunsill u li ma jiftakarx li kien hemm xi diskussjonijiet rigward xi proceduri kellhom jittiehdu fuq din l-ittra. Filwaqt li jghid li jekk, jiftakar sew, l-ittra in kwistjoni giet moghtija lill-kunsilliera *by hand* qabel xi laqgha, ikkonferma li l-ittra qatt ma giet diskussa waqt il-laqgha.

- Da parte tieghu, l-imputat Gioacchino Galea jixhed li l-ittra in kwistjoni kien taha b'mod kunfidenzjali lis-Segretarju Ezekuttiv u li kien tahielu *by hand* u qallu li jista' juriha lill-membri tal-Kunsill.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-partijiet tal-ittra *a fol.* 15 *et seq.* b'liema partijiet Vella jghid li hassu malafamat (u ngurjat). Il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda wahda mill-partijiet elenkati mill-kwerelant fid-depozizzjoni tieghu ma tista' titqies li hija malafamanti fil-konfront tieghu. Minkejja li kumment wahdu jista' jitqies bhala kumment azzardat u forsi wkoll malafamanti, pero wiehed irid jara l-kuntest kollu u l-assiem kollu f'daqqa u mhux il-kumment wahdu (*Vide* **Monsinjur Anton Gauci vs. Michael Schiavone** deciza fit-8 ta' Novembru 1995 mill-Qorti tal-Appell Civili).

Illi l-kwerelant Vella jokkupa l-kariga ta' Sindku u ghalhekk jista' jitqies li ghandu kariga pubblika u ladarba huwa tali huwa espost ghal certu element ta' skrutinju pubbliku. Il-Qorti tifhem li Vella ghandu jkun soggett ghal livell ta' kritika ferm oghla minn persuna privata peress illi, la darba huwa nvolut fil-kamp pubbliku (u politiku), qieghed jissuggetta ruhu ghal skrutinju pubbliku ta' kull azzjoni illi huwa jaghmel u, ghalhekk, kritika, kemm kostruttiva kif ukoll distruttiva, ghal dak illi huwa jaghmel.

Illi, apparti minn dan, fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Cilia vs. Lionel Pugliesevich**, deciza fl-14 ta' Settembru 1963, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Sabiex tigi ammessa d-difiza tal-*fair comment* jinhtieg illi l-kliem tal-kumment ikun tali illi ma jeccedux il-limiti ragjonevoli tal-istess kumment".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Carmelo Caruana B.A., LL.D. et**, deciza fl-14 ta' Awwissu 1958, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-eccezzjoni tal-*fair comment* ghandha jkollha bhala bazi fatti vera fil-kompletezza taghhom; jekk ma tigix pruvata l-verità ta' dawn il-fatti, dik l-eccezzjoni ma tistghax lanqas biss tigi kontemplata".

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, tenut kont ta' dak kollu li gie mismugh mill-Qorti, u tenut kont ta' dak li wassal lill-imputat jikteb l-ittra in kwistjoni, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat kiteb xi haga malafamanti fil-konfront tal-kwerelant Vella. Dak li kiteb l-imputat jista' jitqies bhala *fair comment*. Ghaldaqstant, l-imputat m'huwiex ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku.

Illi l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew t-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tieni (2) imputazjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni x'inhuma l-elementi li jsawwru r-reat taht l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, jirrizulta biss li l-kwerelant Vella huwa s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sannat, pero ma jirrizulta xejn aktar sabiex it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tkun tista' tigi sodisfacentement pruvata. Tenut kont ta' dan, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**

**(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi, taht din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat li ma halliex jew fixkel lill-kwerelant Philip Vella bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sannat waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew, b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, fl-atti processwali ma jirrizulta xejn in sostenn ta' din l-imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Gioacchino Galea hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------